MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 23/2019 LM

**Josianne Abela**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Josianne Abela** (K.I. 364280M), mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019 (minn issa 'l

quddiem "id-deċiżjoni appellata") mill-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), li ċaħad l-appell interpost mill-appellanta, u kkonferma d-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li fl-14 ta' Frar, 2017 iddeċieda li l-appellanta kienet tħallset żejjed l-ammont ta' disat elef, tmien mija u tmienja u erbgħin euro u tmien ċenteżmi (€9,848.08) fil-forma ta' *orphans' allowance* mogħtija lilha għall-perijodu bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u s-17 ta' Frar, 2017. **Id-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk l-appellat, għalhekk talab rifużjoni tal-ammont imħallas żejjed lill-appellanta, billi jkun hemm tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) minn kwalsiasi benefiċċju jew kontribuzzjoni oħra li tirċievi l-appellanta ta' kull xahar, sakemm l-ammont imħallas żejjed lilha jkun tħallas lura kollu.

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellanta hija persuna li sa mis-sena 2012 kienet tirċievi l-benefiċċju tal-*Orphans' Allowance* talli kienet tieħu ħsieb lil oħtha orfni. Permezz ta' ittra mibgħuta lilha mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fl-14 ta' Frar, 2017, l-appellanta kienet ġiet infurmata li hija kienet tħallset l-ammont żejjed ta' disat elef, tmien mija u tmienja u erbgħin Euro u tmien ċenteżmi (€9,848.08) għall-perijodu bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u s-17 ta' Frar, 2017, peress li oħtha Mariella Abela kellha tarbija u kienet bdiet tirċievi l-benefiċċju tas-*single parent allowance.* L-appellanta kienet ġiet infurmata wkoll li dan il-ħlas żejjed li kien sar lilha, kien ser jitnaqqas bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) mill-pensjoni

kontributorja jew minn kull benefiċċji oħra li hija kienet tirċievi, u li hija kellha l-jedd tappella minn din id-deċiżjoni lill-Arbitru fi żmien tletin ġurnata, fuq kull punt ta' liġi jew fuq kull prinċipju ieħor ta' importanza. L-appellanta tgħid li hija ġiet żgwidata mill-uffiċjali tad-Dipartiment fl-uffiċċju distrettwali ta' Ħaż-Żabbar fejn marret tagħmel rapport li oħtha kellha tarbija, għaliex hija kienet ġiet infurmata li setgħet tibqa' tirċievi l-*orphans' allowance* kif ukoll id-differenza fis-*single parents' allowance* li bdiet tirċievi, u b'hekk għal xi żmien hija baqgħet tirċievi l-*orphans' allowance.* L-appellanta intavolat appell minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, fejn qalet li m'hemm l-ebda ħlas b'lura li huwa dovut minnha, u l-ammont imħallas żejjed lilha aktar minn sentejn qabel hija ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-appellat, ma kellux jiġi rifuż minnha minħabba l-preskrizzjoni.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali wieġeb li l-appell tal-appellanta kien *fuori termine,* għaliex ġie intavolat wara li għadda t-terminu ta' tletin (30) ġurnata minn meta hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk l-appell tagħha għandu jiġi miċħud minħabba t-tardività. L-appellat iċċara wkoll li meta persuna li għaliha qiegħed jitħallas il-benefiċċju tal-orfni tibda tirċievi s-*single parent allowance,* din ma tkunx aktar intitolata għall-għajnuna tal-orfni, u għalhekk il-ħlasijiet żejda li tħallsu lill-appellanta għandhom jiġu mħallsa lura minnha.

4. L-appellat kien informa lill-Arbitru li huwa minnu li l-appellanta kienet marret fl-uffiċċju distrettwali sabiex tirrapporta li oħtha Mariella Abela kellha tarbija, u għalhekk talbet li titwaqqfilha l-*orphans' allowance.* L-appellat ikkonferma wkoll li r-rifjużjoni mitluba minnu, qiegħda tintalab ai termini tas-subartikolu 1 tal-artikolu 102 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019, l-Arbitru ċaħad l-appell imressaq mill-appellanta mid-deċiżjoni meħuda mill-appellat fl-14 ta' Frar, 2017, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi fl-14 ta' Frar 2017, l-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali informa lill-appellanta illi hija kienet tħallset iżżejjed is-somma ta' €9,848.08 fl-*Orphan Allowance *li rċeviet minn dan id-Dipartiment bejn il-perijodu tal-14 ta' Marzu 2015 sas-17 ta' Frar 2017;*
>
> *L-Arbitru ra l-appell intavolat mill-Avukat Joseph Bugeja u l-Avukat Maria Margot Zammit Fiorentino għan-nom tal-appellanta, li l-Uffiċċju tal-Arbitru irċieva fis-16 ta' Marzu 2017;*
>
> *L-Arbitru ra l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-3 ta' Ottubru 2017 fejn id-Direttur Ġenerali ssottometta illi l-appell huwa tardiv hekk kif id-deċiżjoni ttieħdet fl-14 ta' Frar 2017 u ġie riċevut fl-uffiċċju tal-Arbitru fis-16 ta' Marzu 2017, u ġia la darba l-persuna li għaliha l-appellanta kienet qed tirċievi l-għajnuna għall-orfni (Mariella Abela) bdiet tibbenefika hija nnifisha mill-għajnuna soċjali għall-Ġenitur Singlu (SUP) ma kinitx aktar intitolata għall-għajnuna tal-Orfni;*
>
> *Illi waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 dehret l-appellanta assistita mill-Avukat Dr Gatt li ġab a konjizzjoni tal-Arbitru li għandu* clearance *verbali mingħand Guido*

*Demarco & Associates li kien ippreżenta l-appell f'UMP 199/17, b'hekk l-Arbitru ordna li żewġ appelli jinstemgħu fl-istess ġurnata;*

*Illi fit-18 ta' Ottubru 2017, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva r-risposta tal-appellat Direttur Ġenerali flimkien ma' dokument anness tal-Applikazzjoni għal Tibdil fiċ-Ċirkostanzi mill-Appellanta fl-20 ta' Novembru 2014. Id-Direttur Ġenerali kompla biex jikkonferma illi l-appellanta fl-20 ta' Novembru 2014 kienet marret tirrapporta li oħtha Mariella kellha tarbija u li applikat għall-Għajnuna Soċjali (SUP) f'isimha u li għalhekk kellha titwaqqaf l-*Orphans' Allowance*. Għaldaqstant id-Direttur Ġenerali kompla jsostni u jaderixxi mal-kontenut tar-risposta tiegħu u kkonferma li mhuwiex il-każ li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tiġi riveduta;*

*Illi waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017 xehdet l-appellanta li bil-ġurament tagħha stess ikkonfermat illi marret kemm-il darba d-Dipartiment u li kienet toqgħod Ħaż-Żabbar meta kienet tieħu l-*Orphans' Allowance*. L-appellanta sostniet illi mill-Uffiċċju Distrettwali ta' Ħaż-Żabbar kienu qalulha li setgħet tibqa' tieħu dak il-benefiċċju tal-*Orphans' Allowance *avolja kienet wirtet il-flus. L-appellanta kkonkludiet li oħtha kienet applikat għall-Għajnuna Soċjali (Single Parent) u kienet ingħatatilha;*

*Illi fit-3 ta' Jannar 2018, l-Arbitru rċieva n-Nota ta' Sottomissjonijiet għan-nom ta' Josianne Abela ppreparata minn Dr David Camilleri u Dr Joseph Gatt. Din in-Nota ta' Sottomissjonijiet tirrileva illi d-deċiżjoni appellata hija waħda ta' natura amministrattiva u għaldaqstant iġġib magħha n-nullità tad-deċiżjoni de quo;*

*Illi fis-26 ta' Jannar 2018, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva kopja ta' Nota ta' Sottomissjonijiet tal-każ simili tal-istess appellanta tal-UMP 432/16;*

*Illi fil-15 ta' Frar 2018, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva tweġiba mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għan-Nota ta' Sottomissjonijiet mibgħuta minn Dr David Camilleri u Dr Joseph Gatt għan-nom tal-appellanta, fejn kompla jsostni illi dan l-appell kien tardiv minħabba li d-deċiżjoni ngħatat fl-14 ta' Frar 2017, filwaqt li l-ittra tal-appell saret fl-14 ta' Marzu 2017, u waslet fl-Uffiċċju tal-Arbitru fis-16 ta' Marzu 2017;*

*L-Arbitru jieħu nota tal-fatt li l-oġġezzjoni prinċipali tal-appellanta kienet li hija kkonformat mar-rekwiżiti tal-Liġi u marret tinforma lill-Uffiċċju Distrettwali bil-bidla fiċ-ċirkostanzi. Madankollu, hija ssostni li kienet iggwidata b'mod żbaljat minn ċertu Daniela Xuereb fl-Uffiċċju tad-Distrett ta' Ħaż-Żabbar;*

*Filwaqt li wieħed jissimpatizza mal-Appellanta, jibqa' l-fatt li hija rċeviet Għajnuna Soċjali li ma kinitx intitolata għaliha, u d-Dipartiment huwa korrett fl-applikazzjoni tiegħu tal-Artikolu 102(1)(ii) biex jitlob lura l-ammonti li ntbagħtu lill-Appellanta. L-Appellanta tista' tesplora l-possibilità li tfittex rimedju f'forum differenti, minħabba li dan preżenti jeżamina biss il-legalità tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, li f'dan il-każ kien ibbażat fuq l-Artikolu tal-Liġi hawn fuq imsemmi.*

*Finalment fir-rigward tal-punt tat-tardività tal-appell, id-Dipartiment jirreferi għad-data tad-deċiżjoni u d-data tal-appell. Madankollu, il-liġi tirreferi għad-data li fiha d-Direttur Ġenerali jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lill-applikant jew lill-benefiċjarju skont il-każ; peress illi ma tressqet l-ebda evidenza li tindika meta l-Appellanta rċeviet id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, din it-talba qiegħda tiġi miċħuda.*

*Decide:*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet surriferiti, l-Arbitru qiegħed jiċħad l-appell interpost mill-appellanta u jikkonferma d-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali datata 14 ta' Frar 2017."*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellanta ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fil-15 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Arbitru datata 30 ta' Settembru 2019 u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tikkanċella wkoll id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali datata 14 ta' Frar 2017 li kien iddeċieda li l-appellanta kienet tħallset iżżejjed is-somma ta' €9,848.08 f'Orphan Allowance bejn l-14 ta' Marzu 2015 u s-17 ta' Frar 2017, bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

6. L-appellanta tgħid li fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma mexiex mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u dan fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni li ħa kienet waħda mhux biss amministrattiva, iżda wkoll kważi ġudizzjarja, ladarba l-unika mezz li kellha l-appellanta biex tattakka din id-deċiżjoni kien permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. L-appellanta tgħid li l-appellat naqas milli jinfurmaha bl-investigazzjoni tiegħu qabel wasal għad-deċiżjoni fil-konfront tagħha, u għalhekk hija qatt ma ngħatat l-opportunità li tispjega l-pożizzjoni tagħha. Tgħid li l-appellat jistrieħ fuq il-fatt li hija kellha dritt tippreżenta appell quddiem l-Arbitru, u għalhekk huwa ma kellux għalfejn jagħti r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellanta tgħid li sa fejn id-deċiżjoni tal-appellat ittieħdet mingħajr mhija ngħatat ċans tispjega s-sitwazzjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-appellat hija nulla. L-appellanta tgħid ukoll li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda ta' natura kważi ġudizzjarja, ladarba tista' tiġi attakkata biss permezz ta' proċeduri f'forum ġudizzjarju, u għalhekk qiegħda tinvoka d-dritt tagħha li tingħata smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema dritt hija tgħid li ġie mċaħħad lilha meta l-appellat ħa d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma bagħat għaliha sabiex jisma' l-verżjoni tagħha, u mingħajr mhija ġiet infurmata li kienet qiegħda ssir investigazzjoni dwarha. L-appellanta ssemmi l-prinċipju tal-*audi alteram partem,* u tgħid li qabel ittieħdet d-deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tagħha, hija mhux biss kellha tiġi mgħarrfa b'din id-deċiżjoni, iżda kellha tingħata widen għal dak li kellha xi tgħid u tingħata l-opportunità tiddefendi l-każ tagħha. Qalet ukoll li meta

persuna ma tingħatax smigħ xieraq, ma jistax ikun hemm trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni fil-konfront tagħha ttieħdet mill-appellat mingħajr mhija ngħatat l-opportunità tispjega ruħha, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha ttieħdet fl-għama u mingħajr mhija ġiet mgħarrfa bir-raġuni għat-teħid tagħha. L-appellanta qalet li minkejja li dan il-prinċipju tal-*audi alteram partem* mhux ikkodifikat fil-liġi partikolari li qiegħda tiġi attakkata minnha, il-prinċipji tad-dritt amministrattiv ma jirrikjedu l-ebda sforz leġiżlattiv pożittiv sabiex jiġu applikati minn min huwa adit bil-poter li jieħu deċiżjoni amministrattiva.

7. L-appellanta sostniet ukoll li kienu uffiċjali tal-appellat li kienu infurmawha li hija setgħet tibqa' tirċievi din l-*orphans' allowance*, u li għalhekk tali ħlas ma sarx lilha bi żball, iżda kien awtorizzat mill-appellat innifsu.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tiegħu, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali wieġeb li l-appell interpost mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li d-deċiżjoni meħuda minnu ttieħdet skont il-liġi, partikolarment skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, wara li saret evalwazzjoni tal-provi kollha pertinenti għall-każ. L-appellat spjega li mill-provi rriżulta li l-appellanta kienet tirċievi l-*orphans' allowance* sa Frar tal-2017, għax kienet tieħu ħsieb lil oħtha Mariella Abela. Sussegwentement Mariella Abela bdiet tibbenefika mill-

għajnuna soċjali għal ġenitur singolu, u għalhekk l-appellanta ma baqgħetx aktar intitolata għall-għajnuna għall-orfni. Mill-provi rriżulta li huwa minnu li fl-20 ta' Novembru, 2014 l-appellanta kienet marret tirrapporta dan il-bdil fiċ-ċirkostanzi tagħha f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, imma minkejja dan hija xorta waħda baqgħet tirċievi l-imsemmija għajnuna. Jirriżulta li meta l-appellat ġie a konjizzjoni ta' dan l-iżball, huwa bagħat jinforma lill-appellanta li l-ammont żejjed imħallas lilha għall-perijodu bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u s-17 ta' Frar, 2017, kellu jiġi rifuż lilu.

9. L-appellat jagħmel riferiment għar-rikors tal-appell tal-appellanta, fejn jirriżulta li l-ewwel aggravju li fuqu qiegħda tibbaża l-appell tagħha huwa li d-deċiżjoni tad-Dipartiment appellat hija nulla u dan għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità li tinstema' qabel l-appellat infurmaha bid-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Frar, 2017, u dan l-aġir imur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-appellat jgħid li minn qari tas-sottomissjonijiet tal-appellanta quddiem l-Arbitru, jirriżulta li hija qiegħda tibbaża l-lanjanza tagħha li ma ngħatatx smigħ xieraq abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap. 12, u qiegħda tistieden lil din il-Qorti tagħmel stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv tiegħu. L-appellat qal li l-appellanta mkien ma tikkontesta l-fatti u l-provi prodotti, u l-oppożizzjoni tal-appellanta għad-deċiżjoni tiegħu hija bbażata biss fuq punti legali amministrattivi u mhux fuq punti ta' fatt. L-appellat żied jgħid li l-appellanta ma kellha l-ebda dritt tfittex li tannulla d-deċiżjoni tiegħu quddiem l-Arbitru minħabba ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u stħarriġ bħal dak li

qiegħda tippretendi li għandu jsir l-appellanta, jista’ jsir biss mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, jew mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva skont il-Kap. 490, u dan f’dawk il-każijiet biss fejn tali rimedju jkun speċifikament elenkat f’xi liġi speċjali. L-appellat qal li minkejja li l-liġi lilu tagħtih id-diskrezzjoni meħtieġa sabiex jiddeċiedi dwar talbiet imressqa quddiemu billi jilqagħhom, jiċħadhom jew jirrevedihom, il-persuna li tkun ser tintlaqat b’dik id-deċiżjoni għandha l-fakoltà li tappella mid-deċiżjoni tiegħu billi tressaq l-appell tagħha quddiem l-Arbitru. Spjega li abbażi tal-Kap. 490, l-Arbitru għandu obbligu legali li japplika l-prinċipji ta’ mġiba amministrattiva tajba, iżda dan m’għandux ifisser li l-Arbitru bħala tribunal amministrattiv għandu l-kompetenza jiddeċiedi kawżi fejn jintalab l-istħarriġ ta’ għemil amministrattiv. L-appellat żied jgħid li l-jedd tal-appellanta għal smigħ xieraq dejjem ġie mħares minnu, u minkejja li huwa għandu l-funzjoni li jiddeċiedi dwar id-diversi talbiet li jkollu quddiemu, madanakollu d-diskrezzjoni eżerċitata minnu mhix waħda assoluta. L-appellat qal li l-argument tal-appellanta li d-deċiżjoni meħuda minnu hija *binding,* jirrisali fuq il-fieragħ, għaliex li kieku tabilħaqq huwa minnu li din id-deċiżjoni hija waħda *binding* u aħħarija, l-appellanta ma kienx ikollha d-dritt li tressaq appell quddiem l-Arbitru. L-appellat qal li r-relazzjoni tiegħu mal-appellanta hija bbażata fuq il-presuppost tal-fiduċja, u l-appellanta kellha l-obbligu li tgħid il-verità kollha dwar xi tibdil fil-kundizzjoni tagħha li b’xi mod jista’ jaffettwalha d-dħul tagħha. Fir-rigward tal-*orphans’ allowance* ma jirriżultax li l-appellanta ma kinitx veritiera jew li din ippruvat taħbi mill-appellat il-fatt li oħtha kienet bdiet

familja tagħha u li għalhekk seta' jagħti l-każ li l-appellata ma kellhiex aktar dritt għall-imsemmi benefiċċju. L-appellat spjega li mhijiex il-prassi tad-Dipartiment li jiddiskuti mal-persuna kkonċernata d-deċiżjoni li jkun ser jieħu fil-konfront ta' persuna. Iżda b'daqshekk dan ma jfissirx li qiegħed jinkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* għaliex tali deċiżjoni dejjem tista' tinbidel f'każ li persuna tressaq provi suffiċjenti quddiem xi wieħed mill-uffiċjali fl-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment jew quddiem l-Arbitru, li permezz tagħhom ikun hemm il-possibilità ta' reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali. Spjega li d-deċiżjoni tiegħu ttieħdet b'mod trasparenti, oġġettiv, integru u bil-għan li titjieb l-amministrazzjoni pubblika. L-appellat spjega li diversi drabi jsib li meta jibgħat għall-persuni li jkunu qegħdin jirċievu l-għajnuna soċjali sabiex ikellimhom, dawn ħafna drabi jonqsu milli jattendu għall-appuntament li jingħataw. Iżda meta persuna tirċievi ittra bid-deċiżjoni li jkun ser jitwaqqfilha l-benefiċċju, u tiġi infurmata li għandha dritt tappella minn dik id-deċiżjoni, dawk il-persuni minn jeddhom ifittxu li jistabbilixxu kuntatt mad-dipartiment ikkonċernat. Fuq kollox, sostna l-appellat, id-deċiżjoni tiegħu hija bbażata fuq il-provi li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa kellu kull dritt li jwaqqaf l-għajnuna li kienet tingħata l-appellanta, ladarba rriżultalu li hija ma kellhiex aktar dritt għal dik l-għajnuna.

10. L-appellat għamel riferiment ukoll għat-tieni aggravju tal-appellanta, li qalet li l-ħlas lilha ma kienx sarx bi żball, u l-appellat m'għandux dritt jitlob rifużjoni tal-flus mħallsa lilha ai termini tal-artikolu 102(1) tal-Kap. 318. L-

appellat qal li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi hija waħda tassattiva u mandatorja minħabba li l-prinċipju bażiku fil-kuntest tal-għoti tal-benefiċċji soċjali huwa li l-għajnjuna soċjali tingħata lil min verament għandu bżonnha, u din l-għajnuna tibqa' tingħata biss dment li persuna tibqa' tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-Kap. 318 għal tali benefiċċju. F'dan il-kuntest l-appellat qal li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn sitwazzjonijiet fejn persuna tipprova tqarraq bl-appellat, u sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm qerq da parti tal-benefiċjarju, iżda l-ħlas żejjed jkun ingħata minħabba żball tal-appellat stess. Spjega li fil-każ odjern huwa mexa strettament mal-liġi meta applika l-artikolu 102(1)(ii) sabiex jiġi rifuż l-ammont li kellu jinġabar minnu ai termini tal-liġi. L-appellat issottometta wkoll li minkejja li l-appellanta talbet għal rikonsiderazzjoni tal-każ abbażi tal-ekwità u tal-prinċipji tal-ġustizzja, dan m'għandux ifisser li l-Arbitru kellu jinjora d-dettami tal-liġi u jasal għal deċiżjoni aħħarija li tinjora l-provvedimenti tal-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. In vista taċ-ċirkostanzi partikolari li l-pajjiż għaddej minnhom u li wasslu għall-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja, din il-Qorti permezz ta' digriet tat-22 ta' April, 2020 kkonċediet lill-partijiet il-fakultà li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub minflok ma jsiru *viva voce, seduta stante*. Is-

sottomissjonijiet tal-appellanta ġew ippreżentati fit-8 ta' Mejju, 2020, filwaqt li s-sottomissjonijiet tal-appellat ġew ippreżentati fl-14 ta' Mejju, 2020.

11. L-appellanta tgħid li r-risposta tal-appell tal-appellat tikkonferma li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma jiġux osservati minnu fid-deċiżjonijiet li jieħu, u dan għax sabiex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu huwa ma jibgħatx għall-persuna kkonċernata u ma jismax il-verżjoni tagħha. Hija tgħid li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma jistgħu qatt jiġu injorati fil-proċessi amministrattivi, u dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati f'kull każ peress li jmorru lil hinn minn dak li jipprovdu l-liġijiet statutorji tal-pajjiż. L-appellanta tgħid li mhux minnu li l-aggravju li fuqu qiegħda ssejjes l-appell tagħha huwa wieħed frivolu, u f'każ li l-appellat jemmen li dan kien il-każ, huwa kellu kull opportunità jitlob lill-Qorti tissanzjona dan l-aġir tagħha. L-appellanta tgħid li lil hinn mill-konsiderazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni meħuda mill-appellat hijiex waħda li torbot jew le, il-prinċipju tal-*audi alteram partem* kellu jiġi rispettat anki fid-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali qabel il-każ ittieħed minnha quddiem l-Arbitru, u d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tista' titqies li hija deċiżjoni li ttieħdet minn organu kważi ġudizzjarju, ladarba l-uniku appell minn tali deċiżjoni huwa tramite organi ġudizzjarji. L-appellanta ssostni li minkejja li l-appellat insista li m'hemm xejn fil-liġi li jobbligah jisma' lill-appellanta qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu, id-deċiżjoni tiegħu ma tistax titqies li hija waħda korretta u m'għandhiex tiġi aċċettata ladarba ġie mċaħħad lilha d-dritt li tispjega l-pożizzjoni tagħha, u dan irrispettivament minn jekk l-appellat kienx

ser jasal għall-istess konklużjoni kieku hija ġiet mismugħa. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-appellanta saħqet li ladarba l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma ġewx osservati, hemm lok fejn id-deċiżjoni li ttieħdet mill-appellat tiġi annullata. L-appellanta qalet ukoll li kienet hija stess li marret fl-uffiċċju relattiv sabiex tistaqsi jekk hija kinetx għadha intitolata għall-*orphans' allowance* ladarba oħtha kienet saret omm u kienet qiegħda tirċievi hija stess il-benefiċċju tal-għajnuna għal ġenitur singlu, u hija kienet ġiet infurmata li kienet għadha intitolata għal dik l-għajnuna. L-appellanta qalet li ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li dan il-ħlas ma sarx lilha bi żball, iżda li dan kien ħlas awtorizzat, u li l-appellat ma setax jibqa' jeffettwa l-ħlasijiet lilha għal numru ta' snin, imbagħad f'daqqa waħda jiddeċiedi li mhux biss kellu jwaqqaf il-ħlas ta' dan il-benefiċċji, iżda li jitlob wkoll li l-ħlasijiet li kienu saru jintraddu lura lilu.

12. L-appellat min-naħa tiegħu ssottometta li d-deċiżjoni li qiegħda tiġi kkontestata mill-appellanta kienet dik meħuda minnu fl-14 ta' Frar, 2017, li hija kienet tħallset iżżejjed l-ammont ta' €9,848.08 bħala *orphans' allowance,* u li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas lilha bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) mill-pensjoni kontributorja jew minn xi benefiċċji oħra li l-appellanta tista' qiegħda tirċievi. L-appellat jagħmel riferiment għall-kontestazzjoni mressqa mill-appellanta quddiem l-Arbitru, fejn din sostniet li l-ebda rifużjoni mhija dovuta minnha għaliex hija kienet ġiet iggwidata ħażin minn uffiċjali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u kwalsiasi ħlas li sar lilha aktar minn sentejn qabel mhija ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-appellat, huwa preskritt. L-appellat

jgħid li minkejja li t-talbiet tal-appellanta quddiem l-Arbitru kienu bbażati fuq dawn l-aggravji, fis-sottomissjonijiet tal-appellanta quddiem l-Arbitru, din għażlet li tiddipartixxi minn din il-linja difensjonali u minflok għażlet li tibbaża l-appell tagħha fuq l-argument li d-deċiżjoni tad-Direttur appellat kienet waħda ta' natura amministrattiva, u li kellha titqies li hija nulla għaliex ma ttiħditx skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-appellat jgħid li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-appellanta kellha l-obbligu li tiddefendi l-aggravji mressqa minnha, u mhux tagħmel sottomissjonijiet b'rabta ma' aggravji ġodda. L-appellat spjega li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru ċaħad l-appell tal-appellanta u ddikjara li l-appellanta kienet irċeviet benefiċċju li ma kinitx intitolata għalih, sabiex b'hekk ikkonkluda li d-deċiżjoni meħuda mill-appellat kienet waħda legali. L-appellat qal li minkejja li l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-appellat kienet waħda korretta u konformi mar-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità, f'dan l-appell l-appellanta xorta waħda qiegħda tisħaq fuq in-nullità tad-deċiżjoni tiegħu. L-appellat jgħid li ladarba l-appellanta ma kellhiex id-dritt li tissolleva dan l-aggravju fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, hija ma kellhiex lanqas id-dritt li tissolleva l-istess aggravju quddiem din il-Qorti, għaliex b'hekk hija qiegħda teżorbita l-parametri tal-kontestazzjoni tagħha. L-appellat jgħid ukoll li l-appell tal-appellanta huwa msejjes fuq l-argument li ladarba huwa kien ħa deċiżjoni ta' xeħta amministrattiva, hija kellha tiġi infurmata minn qabel ittieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tagħha, sabiex tkun tista' tressaq il-każ tagħha, u ladarba l-appellat ma mexiex mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali billi ma tahiex dik l-opportunità, id-deċiżjoni tal-

appellat hija nulla. L-appellat jissottometti li dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tevalwa l-aggravji mressqa fl-appell, li għandhom iwasslu għal '*review on the merits'*, filwaqt li l-istħarriġ ġudizzjarju li qiegħda titlob l-appellanta jipprovdi għal '*review'* li jieħu lill-Qorti lil hinn mill-mertu tal-każ. Qal li l-ilment tal-appellanta diġà ġie indirizzat mill-Arbitru, li hu adit bil-poter li jirrevedi jew jibdel id-deċiżjoni meħuda mill-appellat, iżda żied jgħid li la l-Arbitru, u lanqas din il-Qorti ma jistgħu jidħlu fil-kamp ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, u għalhekk l-ilment tal-appellanta għandu jinġieb quddiem il-Qrati kompetenti u mhux quddiem din il-Qorti. L-appellat jispjega li la l-Arbitru ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap. 318, u lanqas din il-Qorti tal-Appell ma jistgħu jagħmlu stħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva tiegħu, u l-appelli li jistgħu jsiru lill-Arbitru u lil din il-Qorti ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 min-naħa l-waħda, u l-azzjonijiet li jistgħu jsiru quddiem il-Qrati ordinarji ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, huma differenti u distinti minn xulxin, u l-ebda wieħed minn dawn ir-rimedji ma jista' jintuża biex jissostitwixxi lill-ieħor. L-appellat jgħid li l-appellanta kellha r-rimedju tal-appell quddiem l-Arbitru mid-deċiżjoni meħuda minnu, u għalhekk din ma tistax tgħid li hija ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha rimedju sabiex timpunja d-deċiżjoni tiegħu, u kienet l-appellanta li naqset milli tagħmel użu għaqli u effettiv mir-rimedji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha.

13. L-appellat irrefera wkoll għall-aggravju tal-appellanta li l-benefiċċju tal-iltiema tħallas lilha bi żball, u qal li għal din il-Qorti dan il-fattur m'għandu jkollu l-ebda rilevanza. Dak li huwa rilevanti huwa jekk persuna tkunx intitolata

għal dak il-benefiċċju jew le. L-appellat qal li f'dan il-każ l-Arbitru ddeċieda li l-appellanta kienet irċeviet għajnuna soċjali li ma kinitx intitolata għaliha, xi ħaġa din li l-Qrati tagħna spiss irreferew għaliha bħala sitwazzjoni ta' arrikkiment indebitu għad-dannu tal-kollettiv. L-appellat jgħid li anki f'sitwazzjonijiet fejn persuna tingħata l-benefiċċju bi żball, u mingħajr ma din il-persuna tkun trid tieħu xi ħaġa li mhix dovuta lilha, xorta waħda jibqa' l-obbligu fuqu li huwa jiġbor lura dawk il-fondi pubbliċi li jkunu tħallsu żejda, u għalhekk anki abbażi ta' dan l-aggravju, l-appell tal-appellanta għandu jiġi miċħud.

*L-ewwel aggravju*

14. Il-Qorti kkonsidrat li l-appell intavolat mill-appellanta huwa bbażat prinċipalment fuq żewġ aggravji. Fl-ewwel aggravju tgħid li fil-konfront tagħha ġew miksura l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, billi l-appellat naqas milli jinfurmaha li kienet qiegħda tiġi investigata, u għaliex hija ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-appellat wara li dan kien diġà ħa d-deċiżjoni tiegħu li kellha taffettwa d-dħul tagħha. L-appellanta tgħid li l-*modus operandi* tal-appellat jilledi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha qabel ittieħdet id-deċiżjoni li jitwaqqaf il-benefiċċju soċjali li kienet tieħu. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellat irreveda l-għajnuna li kienet tirċievi l-appellanta fil-forma ta' benefiċċju għall-iltiema meta kienet tieħu ħsieb oħtha, wara li lill-appellat irriżultalu li oħt l-appellanta kienet saret

omm u din kellha d-dritt għall-benefiċċju ta' ġenitur singlu. L-appellanta tgħid li meta hija marret fl-uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex tivverifika jekk hija kinitx għadha intitolata għal dan il-benefiċċju wara li oħtha kienet saret omm, hija kienet ġiet infurmata li hija kellha dritt tibqa' tirċievi d-differenza bejn il-benefiċċju għall-iltima u l-benefiċċju ta' ġenitur singlu, u għalhekk dan mhuwiex każ fejn hija ppruvat tostor ir-realtà taċ-ċirkostanzi tal-każ mill-appellat, iżda kien każ fejn hija kienet ġiet iggwidata ħażin minn uffiċjali tad-Dipartiment. Kien meta l-appellat stabbilixxa li kien sar żball li l-appellanta ġiet infurmata li hija kienet qiegħda tintalab tirrifondi lura l-flus żejda li hija kienet irċeviet għall-perijodu bejn Marzu tal-2015 u Frar tal-2017. L-appellanta tgħid li hija qatt ma ngħatat l-opportunità tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti kif ġraw jew tippreżenta l-każ tagħha quddiem l-appellat qabel dan ta d-deċiżjoni tiegħu, u t-teħid tad-deċiżjoni mill-appellat bil-mod imsemmi, huwa leżiv tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali li għandhom jitħarsu dejjem waqt it-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi.

15. Il-Qorti kkonsidrat li appelli minn deċiżjonijiet meħuda mill-appellat jistgħu jsiru quddiem l-Arbitru ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap. 318, u tali appelli jistgħu jsiru fuq punt ta' liġi jew fuq kull prinċipju ta' importanza li jista' jitqanqal fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jittieħdu mill-appellat. Dan l-artikolu tal-liġi jelenka liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 li deċiżjoni dwarhom tista' tiġi appellata quddiem l-Arbitru sabiex dan jerġa' jikkonsidra l-każ mill-ġdid fil-mertu. Lanjanzi bħal dawk li qegħdin jitqajmu mill-appellanta fil-każ odjern, mhumiex kontemplati mil-liġi li jitressqu la quddiem l-Arbitru u lanqas

quddiem din il-Qorti, għalkemm il-leġiżlatur ħaseb għal forum kompetenti fejn jistgħu jitressqu lanjanzi ta’ dik ix-xorta.

16. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li meta l-appellanta ġiet infurmata li l-benefiċċju tal-għajnuna għall-iltiema li kienet tirċievi ma kienx dovut lilha, hija ġiet infurmata wkoll li f’każ ta’ nuqqas ta’ qbil ma’ din id-deċiżjoni, hija kellha d-dritt li tressaq appell quddiem l-Arbitru, kif fil-fatt jirriżulta li għamlet. Imma l-appellanta minflok inqdiet b’din l-opportunità biex titlob lill-Arbitru jirrevedi l-każ fil-mertu, inqdiet bl-appell quddiem l-Arbitru sabiex targumenta li fil-konfront tagħha kien hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità li tressaq il-każ tagħha jew li tipprova ċ-ċirkostanzi tagħha qabel ittieħdet deċiżjoni mill-appellat, li għandu jiġi enfasizzat li ma kinitx deċiżjoni finali jew waħda li minnha m’hemm l-ebda rimedju jew dritt ta’ appell.

17. Quddiem l-Arbitru l-appellanta kellha l-opportunità li titlob reviżjoni tal-mertu li abbażi tiegħu l-appellat ħa d-deċiżjoni tiegħu, imma minflok bħala l-ewwel aggravju ressqet il-fatt li hija ma ngħatatx l-opportunità ta’ smigħ quddiem l-appellat qabel dan ħa d-deċiżjoni tiegħu. L-istituzzjoni tal-Arbitru u din il-Qorti mhumiex il-forum kompetenti fejn l-appellanta titlob stħarriġ tal-għemil amministrattiv tal-appellat jew tal-mod kif dan jagħżel li jmexxi l-proċedura li biha jirrevedi l-benefiċċji soċjali li jingħataw. Irid jintqal li l-appellanta għandha għad-dispożizzjoni tagħha fora oħra u tista’ tinvoka dispożizzjonijiet oħra tal-liġi li permezz tagħhom hija tista’ tipprova tikseb

rimedju għal-lanjanza tagħha li l-proċedura maħsuba bil-Kap. 318 u l-poteri li dan il-Kapitolu tal-liġi jagħti lill-appellat, b'xi mod jiksru l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju*

18. Fit-tieni aggravju tal-appellanta jintqal illi kien id-Direttur Ġenerali appellat li ħa żball, u wara li awtorizza l-ħlas tal-benefiċċju għall-iltiema lill-appellanta għal għadd ta' xhur, iddeċieda li dan il-benefiċċju ma kellux jitħallas lilha, u għalhekk talabha tirrifondi l-ammonti żejda mħallsin lilha. Id-deċiżjoni tal-appellat ittieħdet abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318, li jgħid illi:

> "Ħlief kif provdut fl-Artikolu 98(3), b'seħħ mill-1 ta' April 1978, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-dispożizzjonijet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance,* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan:
>
> Iżda, b'seħħ mis-6 ta' Jannar 1990:
>
> (ii) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-*proviso,* (i.e. ħlas riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina tal-fatti materjali), ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance,* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma

> għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollhom dritt għaliha wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant konċernat, skont kif ikun il-każ, jitlob illi rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata; iżda hekk illi fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perijodu li għalih dak il-ħlas żejjed ikun jirreferi ...".

19. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern, l-appellat qiegħed jitlob lill-appellanta tirrifondi ħlasijiet żejda tal-*orphans' allowance* li saru lilha għall-perijodu bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u s-17 ta' Frar, 2017, u għalhekk il-perijodu ta' sentejn preskrizzjoni li tirreferi għalihom l-appellanta fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru ma kienx laħaq iddekorra, peress li d-deċiżjoni tal-appellat ittieħdet fl-14 ta' Frar, 2017. L-appellanta tgħid li ladarba jirriżulta li kien uffiċjal mid-dipartiment immexxi mill-appellat li lilha infurmaha li kellha dritt tibqa' tirċievi kemm il-benefiċċju għall-iltiema kif ukoll il-ħlas tal-benefiċċju għal ġenitur singlu lil oħtha, ma kien hemm l-ebda żball fil-ħlas lilha, iżda l-ħlas kien wieħed awtorizzat. Il-Qorti tqis li t-talba tal-appellat għar-rifużjoni tal-flus żejda mħallsa lill-appellanta, tinkwadra ruħha perfettament fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 102 tal-Kap. 318, li jipprovdi għall-modalità kif l-appellat jista' jirkupra l-flus żejda mħallsa minnu. Fil-fatt jirriżulta li r-rifużjoni tal-flus żejda mħallsa lill-appellanta ser issir billi jkun hemm tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) mill-benefiċċji l-oħra li tirċievi l-appellanta kull xahar, u dan sakemm l-ammont dovut jiġi eżawrit b'dan it-tnaqqis. Il-Qorti tqis ukoll li l-ħlas tal-benefiċċji soċjali huwa forma ta' għajnuna mill-Istat sabiex jiġi mwieżen min verament

jistħoqqlu u min verament għandu bżonn l-għajnuna. F'dan il-każ l-appellanta ma kienx għad baqgħalha dritt tirċievi ħlas talli kienet qiegħda tieħu ħsieb lil oħtha minuri, u dan għaliex lill-appellat kien irriżultalu li oħt l-appellanta kienet bdiet il-familja tagħha, u li din kienet qiegħda tingħata forma oħra ta' għajnuna soċjali. Mill-provi li tressqu għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru, jirriżulta li l-appellanta kienet marret f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u infurmathom b'dan it-tibdil fiċ-ċirkostanzi, imma dakinhar l-appellanta kienet ingħatat informazzjoni li hija kellha jedd għall-ħlas ta' dan il-benefiċċju. Il-Qorti qieset li fil-konsiderazzjonijiet li jridu jittieħdu mill-appellat u li jsawru d-deċiżjoni aħħarija tiegħu, irid jintlaħaq bilanċ bejn il-ħarsien tad-dinjità ta' kull individwu, u l-assigurazzjoni li kull individwu jkollu l-mezzi xierqa biex jgħix, u l-fatt li l-benefiċċji soċjali jitħallsu minn fondi pubbliċi, li l-appellat għandu obbligu li jassigura li jintefqu b'mod ġust u b'mod li jirrispekkja d-dettami tal-liġi. F'dan il-kuntest il-Qorti tiċċita dak li qalet din l-istess Qorti kif diversament preseduta f'każ simili għal dak odjern, fl-ismijiet **Sonia Catania *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**[1], fejn intqal illi:

> "... l-Artikolu 102 imkien ma jsemmi l-iżball fis-solvens li hu r-rekwiżit sine qua non għall-propożizzjoni tad-dritt tar-reklam għall-indebitu kif skont l-Artikolu 1021 u 1022 prevvist. U la dan huwa hekk, huwa għal kollox irrilevanti jekk tissussistix jew le, l-ipotesi tal-iżball fl-appellanta għax dak li hu l-aktar fondamentali hi l-verifika tan-nuqqas ta' ġustifikazzjoni għal ħlas li sar. Ankorke l-appellata kienet in buona fede dan il-fatt ma jbiddilx il-qagħda espressa fl-Artikolu 1147(1) tal-Kodiċi Ċivili illi, "dak li tħallas bla ma kellu jingħata, jista' jintalab lura" jew dik tal-Artikolu 102 tal-

[1] 22.06.2009.

> Kapitolu 318. Anzi fir-rapport bejn il-privat u l-amministrazzjoni pubblika dan għandu jirċievi aktar forza."[2]

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Graziella Russo *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**[3], il-Qorti qalet:

> "Illi fil-fatt jirriżulta li skont l-Artikolu 30(7) tal-Kap. 318, id-Direttur għandu l-obbligu li jara li hemm l-elementi kollha sabiex tingħata l-għajnuna soċjali, iżda wkoll li hekk jibqa' l-każ; fil-każ li jsir arrikkiment indebitu, jidħol fis-seħħ l-artikolu 102 sabiex tali ammonti jiġu rifużi lura; il-fatt li l-appellata kienet in buona fede ma jbiddel xejn mid-dritt mogħti lill-appellant għar-rifjużjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Att. L-istess sitwazzjoni tippersisti mill-ottika tal-Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 għaliex dak li huwa rilevanti hu li sar ħlas indebitu, u li dan sar bi żball minn min jagħmel il-pagamenti."

Huwa f'dan il-kuntest li l-appellat kellu l-jedd jipproċedi sabiex jiġbor lura flejjes imħallsa bi żball lill-appellanta, u l-Qorti għalhekk qiegħda tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-appellat li jitlob rifużjoni tal-flus żejda mħallsa minnu kienet waħda fil-limiti tal-poteri tiegħu, u li m'hemm xejn ċensurabbli f'dan l-għemil. Il-Qorti qieset ukoll li f'xenarju fejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jipproċessa tant talbiet u tant applikazzjonijiet għall-għajnuna, huwa mistenni li jkun hemm żbalji ta' din ix-xorta, partikolarment meta mill-provi prodotti ma jirriżultax x'tip ta' informazzjoni tat l-appellanta meta marret tinforma lill-uffiċċju distrettwali bit-tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, u għalhekk dan ma jistax jitqies li huwa każ fejn l-appellat l-ewwel awtorizza ħlas u wara arbitrarjament talab rifużjoni ta' dak imħallas indebitament minnu, iżda huwa każ ta' żball fit-

[2] Ara wkoll **Nathalie Ellul *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 19.02.2010.
[3] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 20.11.2011.

teħid tad-deċiżjonijiet, liema żball l-appellat fittex li jirrettifika bil-mezzi li ttih il-liġi.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-appell, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**